MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 398/2001/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mary Rose Vassallo sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Fiona Agius**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija sitta u sittin Liri Maltin (Lm966.00,0), jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-qorti,**

**jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta' April, tal-1998, fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, bejn il-vettura numru LAH 253 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru BBH 692 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurata Mary Rose Vassallo, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn li l-imsemmi incident gara b'tort unikament taghha minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm5.00,0 tal-konsult, tal-ittra ufficjali tat-18 ta' April 2002, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici, kontra l-konvenuta, li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata s-27 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuta Fiona Agius, gia' Cuschieri, eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante illi l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza sehh unikament tort ta' Mary Rose Vassallo, l-assikurata tas-socjeta' attrici, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Mary Rose Vassallo hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tat-3.15p.m. tat-28 t'April tal-1998 gewwa Triq Aldo Moro, il-Marsa;**

**2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Tata bin-numru ta' registrazzjoni BBH-692 misjuqa minn Mary Rose Vassallo assigurata mas-socjeta' attrici nomine u l-vettura tal-marka Austin 1100 bin-numru ta' registrazzjoni LAH-253 misjuqa minn Fiona Agius, dak iz-zmien kunjomha Cuschieri;**

**3. Illi jirrizulta li z-zewg vetturi kienu qed jigu misjuqa fid-direzzjoni lejn il-Belt;**

**4. Illi kif issostni l-istess assigurata tas-socjeta' attrici nomine din kienet qed tipprocedi "….fil-karreggjata esterna hdejn is-central strip…";**

**5. Illi da parti taghha l-konvenuta jirrizulta li kienet qed issuq fit-tielet karreggjata tat-Triq fejn sehh l-incident fuq indikata; kienet ilha fl-istess karreggjata t-triq kollha u kienet ukoll qabel il-vettura ta' l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine;**

**6. Illi hekk kif iz-zewg vetturi kienu qed jipprocedu kif indikat fiz-zewg paragrafi ta' qabel il-vettura ta' l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenuta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi mill-istess dinamika ta' l-incident is-segwenti jirrizulta ovvju, anke ghaliex l-iskizz pprezentat ma gie bl-ebda mod attakkat:**

**1. Illi l-vettura tal-konvenuta kienet qed tigi misjuqa fit-tielet karreggjata tat-triq de quo u kienet ilha tinstaq f'dik l-istess karreggjata;**

**2. Illi l-vettura l-ohra kienet qed tinstaq fir-raba' karreggjata;**

**3. Illi fil-kantuniera fejn sehh l-incident in dizamina l–erba' karreggjati tat-triq isiru tlieta;**

**4. Illi l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine kienet kostretta tidhol fit-tielet karreggjata, gia okkupata bil-vettura tal-konvenuta biex tkun ghalhekk tista' tipprocedi lejn il-Belt;**

**5. Illi din ir-raba' karreggjata hi rizervata ghal dawk il-vetturi li jridu jduru mar-"round about" li hemm fuq il-post u allura la l-vettura ta' din l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine kienet fuq din il-karreggjata partikolari qatt ma setghet tipprocedi fuq it-tielet karreggjata li tiehu l-vetturi ta' fiha lejn il-Belt izda kellha tipprocedi biex iddur mar-"round-about" fuq indikata;**

**6. Illi di piu', din l-istess vettura ta' l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine kellha vizwali perfett ghaliex kienet wara l-vettura li dahlet fiha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------